# Statut - Ghaqda Malta-Kuba.

1a.Isem.-L-isem tal-ghaqda huwa Ghaqda Malta-Kuba (Gh.M.K). L-isem bl-Ingliz huwa Malta-Cuba Society (M.C.S), waqt li bl-Ispanjol huwa Sociedad Malta-Cuba (S.M.C)

1b.Emblema tal-Ghaqda - hija rapprezentazzjoni tax-xemx tiela minn wara l-bnadar taz-zewg pajjizi, li qeghdin iperpru flimkien minn zewg frieghi ta l-istess zokk taz-zebbug, li mieghu hemm tittajjar faxxa drapp bajda bil-kelmiet “Hbiberija” bil-kulur ahmar u “Amistad” ta lewn ikhal.

1c.Marka Ufficjali (Letterhead) - tikkonsisti fil-kliem b`ittri kbar Malta-Kuba f`nofs kitba ta forma tonda, bil-kelmiet HbiberijAmistad mac-cirkunferenza tan-nofs tond ta fuq, u l-kelma Ghaqda timla l-ispazju tan-nofs tond ta isfel.

2. Ghanijiet - li tissahhah il-hbiberija bejn il-poplu Malti u l-poplu Kuban permezz ta kuntatti kulturali u socjali, bhala mezz dirett biex titkattar il-kultura ngenerali.

3a.Shubija - Kull persuna li tintrabat ma l-ghanijiet u l-istatut ta l-ghaqda hija eligibbli ghas-shubija bl-applikazzjoni li hija suggetta ghall-approvazzjoni tal-kumitat. Il-hlas tas-shubija huwa ta hames ewro (€ 5 ) fis-sena.

3b.Zghazagh - Fergha zghazagh tkun formata fi hdan l-ghaqda mill-membri kollha ta eta izghar minn 35 sena, li jkollhom dritt ta rapp-rezentanza fil-kumitat tal-ghaqda, u li jifformaw sotto-kumitat zghazagh li jahdem b`koperazzjoni mal-kumitat fl-ambitu ta l-istatut.

4. Kumitat - L-ghaqda titmexxa mil-kumitat ta disa. Tmin membri eletti ghal sentejn mil-laqgha generali, u wiehed nominat miz-zghazagh. Fl-ewwel laqgha tal-kumitat, il-membri eletti jaghzlu minn fosthom :- President, Segretarju, Ufficjal ghar-relazzjonijiet pubblici, u Tezorier. Vakanzi fil-kumitat jintlew minn min imissu skond ir-rizultat tal-laqgha generali.

5. Attivitajiet - Il-kumitat ghandu jorganizza konferenzi, lectures, klass-ijiet ta l-ilsien Spanjol, u attivitajiet ohra socjali, kulturali, u edukattivi, u jikkopera ma ghaqdiet ohra skond il-htiega u fil-limiti tal-mezzi disponibbli.

6.Laqgha Generali Annwali - hija l-oghla awtorita tal-ghaqda, u d-

decizjonijiet taghha huma finali. F`dinl-laqgha jinqraw u jigu approvati r-rapporti amministrattiv u finanzjarju. Ir-rendikont finanzi jkun iffirmat minn zewg revizuri li ma jkunux fil-kumitat, u li jigu eletti mil-laqgha generali li kull sentejn teleggi u tahtar il-kumitat skond art.4.

7. Laqgha Generali Straordinarja - Tinzamm fi zmien xahar minn meta tintalab mill-kumitat jew minn mhux anqas minn 20% tal-membri, li jitolbuha bil-miktub lis-segretarju, ghall ragunijiet specifici.

8a.Quorum - tal-laqghat kollha hlief tal-laqgha ta xoljiment, huwa ta l-eqreb numru izjed min-nofs il-membri eligibbli li jattendu.

8b.Quorum f`kaz ta laqgha ta xoljiment, ikun ta mhux anqas minn zewg terzi (66%) tal-membri kollha regolari fil-menswalita.

9. Membri Co-Opted - Il-kumitat ghandu dritt jahtar membri co-opted fil-kumitat bid-dritt tal-vot. Jista wkoll jahtar sotto-kumitati b`nies li ma jkunux fil-kumitat centrali.

10.Xoljiment - ta l-ghaqda jista jigi deciz biss b`vot ta tlieta minn kull erba tal-membri prezenti f`laqgha generali li tkun issejhet bl-ghan specifiku tax-xoljiment. F`kaz ta xoljiment, il-fondi u l-propjeta ta l-ghaqda jigu trasferiti kif tiddeciedi l-istess laqgha.

11Statut - L-interpretazzjoni ta dan l-istatut bejn laqgha generali annwali jew straordinarja, u ohra, tinghata mill-kumitat. Fejn ma jispecifikax l-istatut, id-decizjoni tal-kumitat tkun finali.

Marzu 2007.